MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR.
## PADOVANI JACQUELINE LL.D.

Seduta ta' 08 ta' Ottubru, 2002

Numru 597/1992

PULIZIJA
SPETTUR PAUL BOND
VS
CARMELO SIVE KARL BONELLO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmelo sive Karl Bonello ta' 42 sena imwieled fit-22 ta' Mejju 1950 bin Louis u Josephine kumjom xbubitha Galea imwieled Sliema u joqghod Tal-Kurrier, Main Street, Gharghur jew Testing Ltd Teslim N/S off Mdina road, Qormi talli f'dawn il-gzejjer matul dawn l-ahhar snin, fil-kariga tieghu ma Testing Limited b'diversi azzjonijiet maghmula fi zminijiet differenti u b'risoluzzjoni wahda bhala manager u/jew ufficjal principali iehor jew pagatur u ghaldaqstant il-persuna responsabbli skond l-artikolu 55(1) ta' l-att dwar it-Taxxa fuq l-income kap 123 (hawn izjed il-quddiem imsejjah l-Att) u r-regola 28 tar-Regoli tal-1972 dwar Tnaqqis ta' Taxxa (PAYE) (hawn izjed il-quddiem

imsejjha ir-Regoli), wara li thallsu emolumenti taxxabbli taht l-Artikolu 6(1)(b) u/jew (e) ta' l-Att bi ksur tad-disposizzjonijiet li ser jissemmew:-
Naqas milli jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fiz-zmien preskritt it-taxxa imnaqqsa mil-istess emolumenti kif tenut jaghmel skond l-artikolu 55(1) ta' l-Att u r-Regola 12(1)(a) tar-Regoli, u dan ghall-perjodu ta' bejn Jannar 1990 sa Mejju 1992 u ghar-rigward tas-somma ta' Lm8603.

Talli naqas milli jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fiz-zmien preskritt il-prospett/I dettaljat/I skond l-artikolu 55(2) ta' l-Att u r-Regola 12(1)(a) tar-Regoli u dan ghar-rigward tal-prospett/I ghall-perjodu ta' bejn Jannar 1990 sa Mejju 1992.

Talli naqas milli jibghat fiz-zmien preskritt ir-returns (il-prospetti/dokumenti) annwali li jikkonsistu fil-formoli P3, P6 u P7 ghas-sena/snin 1990 u 1991 skond l-Artikolu 55(2) ta' l-Att u r-Regola 14 tar-Regoli.

Talli approprija ruhu, billi dawwar ghalih ghal ghal persuna/I ohra is-somma ta' Lm8603 li hu zamm taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, bi ksur ta' l-artikou 293 u 294 tal-Kodici Kriminali kap 9 u b'dannu lill-Gvern ta' Malta u ta' diversi impjegati ta' Testing Limited.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-imputat bhala Manager li kien jiggestixxi kumpanija Testing Limited naqas illi jghaddi lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, t-taxxa mizmuma lill-impjegati tal-istess kumpanija bhala PAYE liema taxxa tammonta globalment ghas-somma ta' Lm8603 ghal perjodu ta' Mejju 1990 sa Mejju 1992.

Illi t-taxxa dovuta ghas-sena
1990 Jannar sa Dicembru tammonta ghal Lm3658
1991 Jannar sa Settembru tammonta ghal Lm2545
1992 tammonta ghal Lm2403

Illi ingabu provi illi Testing Limited kellha taxxa PAYE tal-impjegati mhux imhallsa mill-1988, izda l-istess Dipartiment kien qieghed jfittex lil Direttur iehor ghal dawn l-ammonti.

Illi Joseph Micallef ikkonferma li kien impjegat tal-kumpanija u li mill-paga tieghu kienu jsiru t-tnaqqis solitu ta' Income Tax u National Insurance (ara xhieda a fol 19 et seq).

L-istess xhedu impjegati ohra ta' Testing Limited, u cioe George Gatt (fol 23), Mario Caruana (fol 27), Jason Schembri (fol 31), Lawrence Mangion (fol 32), u Vincent Gatt (fol 34).

Illi ufficjali tad-Dipartiment tal-Inland Revenue xhedu illi kienu ghamlu diversi laqghat sabiex tinstab soluzzjoni ta' kif ser jithallsu s-somom dovuti, izda bla ebda ezitu.

Illi mix-xhieda ta' Sur Sapiano (fol 102 u 105-107) jirrizulta illi d-Dipartiment tat-Taxxi Interni kien kkomunika mal-Avukat Generali u gab a konjizzjoni tieghu illi jesistu proceduri ta' Konkors ta' Kredituri kontra Testing Limited u li l-fondi migbura jeccedu is-somma pretiza mid-Dipartiment.

Illi mix-xhieda ta' Emanuel Gatt a fol 161 jirrizulta illi d-Dipartiment kien diga ppresenta rikors u inizjalaw proceduri ghal Konkors ta' Kredituri.

Karl Bonello xhed illi huwa kien Manager tal-kumpanija Testing Limited li kienet sejra tant hazin illi Karl Bonello personalment kien johrog il-flus tal-pagi mill-fondi tieghu personali. Infatti esebixxa dok KB1 sa 51 bhala sostenn ta' dana kollu.

George Gatt (a fol 166) kkonferma l-istat finanzjarju imwiegher tal-kumpanija u kif l-imputat kien, mill-fondi personali, jaghmel tajjeb ghal pagi u supplies tal-kumpanija.

L-istess konferma giet mis-Segretarja Deborah Smith a fol 181 et seq.

Illi kopja tal-rikors ghal Konkors tal-Kredituri jinsab esebit a fol 193.

Illi d-difiza anki fit-trattazzjoni rriteniet li l-ammonti kienu dovuti pero li l-hlas ghandu jsir mill-fondi appartati li diga ingabru fil-proceduri tal-Konkors tal-Kredituri.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat Bonello a fol 220, l-imputat issolleva illi l-prosekuzzjoni naqset li tipprova illi huwa effettivament zamm dan l-ammont ta' taxxa mis-salarji tal-impjegati tieghu stante li kien hemm provi sgjaccanti illi l-imputat sahansitra kien gie kostrett juza il-fondi tieghu sabiex jkopri il-pagi tal-impjegati.

Apparti din is-sottomissjoni l-imputat rega tenna it-talba tieghu sabiex din il-Qorti tordna lid-Direttur tat-Taxxi Interni jigbor l-ammont dovut mill-ammonti depositati fil-proceduri tal-Konkors tal-Kredituri.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-Qorti wara li gharblet bir-reqqa ix-xhieda kollha prodotta ma tista bl-ebda mod takkolji l-ewwel difiza tal-imputat li jsostni li l-ammont mhux dovut.

Din il-Qorti taghraf illi l-kumpanija tal-imputat kienet f'sitwazzjoni hazina finanzjarjament pero ma kien hemm ebda cirkostanza illi kkostringiet lill-imputat jkompli jinnegozja. La kompla jinnegozja u la kompla jimpjega in-nies mieghu, l-imputat kien obbligat jhallas lill-istess impjegati u jghaddi it-tnaqqis mis-salarji taghhom lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni u lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali ghal dak li jirrigwarda in-National Insurance.

Dan l-imputat m'ghamlux.

Illi apparti min dan id-difiza il-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-livell rikjest mill-ligi u cioe "beyond reasonable doubt" l-akkuzi kif dedotti kontra l-imputat, il-ghaliex xehdu numru konsiderevoli ta' impjegati illi kollha irritenew illi kienu impjegati mal-kumpanija Testing Limited, li hadu salarju u li sar it-tnaqqis skond il-ligi min dan is-salarju ghal dak illi huwa PAYE u bolla.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u tiddikjara illi is-somma dovuta tammonta ghal Lm8603, u wara li rat Art 55(1) u (2) tal-kap 123 u Reg 14, 28, 12(1)(a) tal-Regoli tan-1972 dwar it-Tnaqqis tat-Taxxa (PAYE), 293 u 294 tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti trrakomanda lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni jithallas mill-fondi depositati fil-proceduri tal-Konkors tal-Kredituri tal-kumpanija imsemmija.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.